REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/395

tal-10 ta' Marzu 2015

li jniedi investigazzjoni dwar l-evażjoni possibbli ta' miżuri antidumping imposti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 511/2010 fuq importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina bl-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu kemxejn modifikati, u li jagħmel dawn l-importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) (ir-"Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) u 14(5) tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

A. **TALBA**

(1) Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba skont l-Artikolu 13(3) u 14(5) tar-Regolament Bażiku biex tinvestiga l-possibbiltà li kien hemm evażjoni tal-miżuri antidumping imposti fuq ċerti wajers tal-molibdenu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina bl-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu kemxejn modifikati, mibdula fil-piż jew fid-dijametru, bid-daqs trażversali tagħhom jaqbeż 4,0 mm iżda ma jaqbiżx 11,0-il mm, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u li jagħmel dawn l-importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni.

(2) It-talba ġiet ippreżentata fis-26 ta' Jannar 2015 minn Plansee SE, produttur tal-Unjoni ta' ċerti wajers tal-molibdenu.

B. **PRODOTT**

(3) Il-prodott ikkonċernat mill-possibbiltà ta' evażjoni huwa wajer tal-molibdenu, li mill-inqas 99,95 % tal-piż tiegħu jikkonsisti minn molibdenu, b'daqs trażversali massimu li jaqbeż 1,35 mm imma ma jaqbiżx 4,0 mm, li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, bħalissa kklassifikat bil-kodiċi NM ex 8102 96 00 (il-kodiċi TARIC 8102 96 00 11 u 8102 96 00 19) ("il-prodott ikkonċernat"). Dan huwa l-prodott li għalih il-miżuri fis-seħħ bħalissa japplikaw.

(4) Il-prodott investigat għal possibbiltà evażjoni għandu l-istess karatteristiċi bħall-prodott ikkonċernat definit fil-premessa preċedenti, iżda huwa madankollu ippreżentat waqt l-importazzjoni b'daqs trażversali massimu li jaqbeż 4,0 mm imma ma jaqbiżx 11,0-il mm u li attwalment jaqa' taħt l-istess kodiċi NM bħall-prodott ikkonċernat iżda taħt kodiċi TARIC differenti (jiġifieri 8102 96 00 99 sad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament). Dan il-prodott joriġina wkoll mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. L-investigazzjoni ta' evażjoni possibbli tinkludi wkoll wajer tal-molibdenu li fih mill-inqas 97 % tal-piż jew aktar iżda inqas minn 99,95 % ta' molibdenu, b'daqs trażversali massimu li jaqbeż 4,0 mm imma ma jaqbiżx 11,0-il mm, li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

Ċ. **MIŻURI EŻISTENTI**

(5) Il-miżuri li huma fis-seħħ bħalissa u possibiliment qed ikun hemm evażjoni tagħhom huma miżuri antidumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 511/2010 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ([2]) ("il-miżuri eżistenti"). Wara investigazzjoni

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

([2]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 511/2010 tal-14 ta' Ġunju 2010 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 150, 16.6.2010, p. 17).

kontra l-evażjoni, fl-2012 dawn il-miżuri ġew estiżi għal importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu kkonsenjati mill-Malasja, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja kif ukoll jekk le ([1]). Wara investigazzjoni oħra kontra l-evażjoni, fl-2013 dawn il-miżuri ġew estiżi għal importazzjonijiet ta' wajer tal-molibdenu, li fih mill-inqas 97 % tal-piż jew aktar iżda inqas minn 99,95 % ta' molibdenu, b'daqs trażversali massimu li jaqbeż 1,35 mm imma ma jaqbiżx 4,0 mm, li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ([2]).

D. **RAĠUNIJIET**

(6) It-talba tinkludi biżżejjed evidenza *prima face* li l-miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina qed ikun hemm evażjoni tagħhom permezz ta' importazzjonijiet tal-prodott investigat, u li jistgħu jibqgħu jiġu evitati b'modifikazzjoni żgħar oħra fil-piż u d-dijametru.

(7) Iktar speċifikament, it-talba turi li seħħet bidla sinifikanti fix-xejra tal-kummerċ li jinvolvi esportazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina lejn l-Unjoni wara l-impożizzjoni tad-dazju definittiv antidumping fuq il-prodott ikkonċernat impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 511/2010, mingħajr raġuni biżżejjed jew ġustifikazzjoni ekonomika għal bdil bħal dan għajr l-impożizzjoni tad-dazju.

(8) It-talba tinkludi biżżejjed evidenza *prima facie* li din il-bidla ġejja mill-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat kemxejn modifikat, jiġifieri b'daqs trażversali massimu li jaqbeż 4,0 mm imma ma jaqbiżx 11,0-il mm, li mbagħad jinbidel fl-Unjoni fil-prodott ikkonċernat, jiġifieri d-daqs trażversali massimu jaqbeż 1,35 mm imma ma jaqbiżx 4,0 mm, bit-tfassil mill-ġdid tal-wajer għal daqs trażversali ta' 4,0 mm jew inqas. L-evidenza *prima facie* turi li ma hemm l-ebda raġuni adegwata jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju għal tali prattika, proċess jew xogħol.

(9) It-talba tinkludi wkoll biżżejjed evidenza *prima facie* li l-prodott investigat għandu l-istess karatteristiċi essenzjali u użi bħall-prodott ikkonċernat.

(10) Barra minn hekk, it-talba fiha biżżejjed evidenza *prima facie* li l-effetti ta' rimedju tal-miżuri antidumping eżistenti fuq il-prodott ikkonċernat qed jiġu mminati kemm fil-kwantità kif ukoll fil-prezz. Volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet tal-prodott investigat jidher li ħadu post l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, hemm biżżejjed evidenza *prima facie* li l-importazzjonijiet tal-prodott investigat qed isiru bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezz mhux dannuż stabbilit fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri eżistenti.

(11) Finalment, it-talba tinkludi biżżejjed evidenza *prima facie* li l-prezzijiet tal-prodott investigat qegħdin ikunu oġġett ta' dumping fir-rigward tal-valur normali stabbilit qabel.

(12) Jekk il-prattiki ta' evażjoni li huma koperti bl-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, għajr dawk imsemmija hawn fuq, jiġu identifikati fl-andament tal-investigazzjoni, l-investigazzjoni tista' tkopri dawn il-prattiki wkoll.

E. **PROĊEDURA**

(13) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li teżisti biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku u li tagħmel l-importazzjonijiet tal-prodott investigat soġġetti għal reġistrazzjoni, b'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(a) **Kwestjonarji**

(14) Sabiex tikseb tagħrif li tqis meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lill-esportaturi/produtturi magħrufa u lill-assoċjazzjonijiet magħrufa tal-esportaturi/produtturi fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, lill-importaturi magħrufa u lill-assoċjazzjonijiet magħrufa ta' importaturi fl-Unjoni u lill-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Kif xieraq, l-informazzjoni tista' tintalab ukoll mingħand l-industrija tal-Unjoni.

([1]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 14/2012 tad-9 ta' Jannar 2012 li jestendi dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 511/2010 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fili tal-molibdenu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ċerti fili tal-molibdenu kkonsenjati mill-Malasja, sew jekk iddikjarati li joriġinaw fil-Malasja u l-Isvizzera u sew jekk le u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward tal-importazzjonijiet konsenjati mill-Isvizzera (ĠU L 8, 12.1.2012, p. 22).

([2]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 871/2013 tat-2 ta' Settembru 2013 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 511/2010 fuq importazzjonijiet ta' wajer tal-molibdenu, b'mill-inqas 99,95 % tal-piż tiegħu jikkonsisti f'molibdenu, b'dimensjoni trażversali massima li taqbeż 1,35 mm iżda ma taqbiżx 4,0 mm, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, għal importazzjonijiet ta' wajer tal-molibdenu, b'mill-inqas 97 % tal-piż tiegħu jikkonsisti f'molibdenu, b'dimensjoni trasversali massima li taqbeż 1,35 mm iżda ma taqbiżx 4,0 mm, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 243, 12.9.2013, p. 2).

(15) F'kull eventwalità, il-partijiet interessati kollha għandhom jikkuntattjaw lill-Kummissjoni minnufih, u mhux iktar tard mil-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, u jitolbu kwestjonarju fil-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament, sakemm il-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament japplika għall-partijiet interessati kollha.

(16) L-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina se jiġu nnotifikati bil-bidu tal-investigazzjoni.

(b) **Ġbir ta' informazzjoni u seduti ta' smigħ**

(17) Il-partijiet kollha interessati huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, iżda biss jekk jagħmlu talba bil-miktub u juru li hemm raġunijiet partikolari għalfejn għandhom jinstemgħu.

(c) **Eżenzjoni mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jew mill-miżuri**

(18) B'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, importazzjonijiet tal-prodott investigat jistgħu jiġu eżentati mir-reġistrazzjoni jew mill-miżuri jekk l-importazzjoni ma tkunx tikkostitwixxi evażjoni.

(19) Filwaqt li l-limitu sa fejn l-evażjoni possibbli qiegħda ssir ġewwa u/jew barra mill-Unjoni hemm bżonn jiġi investigat, eżenzjonijiet jistgħu jingħataw, skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, lil importaturi u/jew esportaturi/produtturi tal-prodott investigat li jistgħu juru li ma huma relatati [1] mal-ebda produttur soġġett għall-miżuri [2] u li jinstabu li mhumiex involuti fi prattiki ta' evażjoni kif iddefiniti fl-Artikoli 13(1) u 13(2) tar-Regolament bażiku. Importaturi u esportaturi/produtturi li jixtiequ jiksbu eżenżjoni għandhom iressqu talba b'sostenn xieraq ta' evidenza fil-limitu ta' żmien indikat fl-Artikolu 3(3) ta' dan ir-Regolament.

F. REĠISTRAZZJONI

(20) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott investigat ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni sabiex ikun żgurat li, jekk l-investigazzjoni tikkonkludi li hemm evażjoni, ikun jista' jiġi impost ammont xieraq ta' dazji antidumping mid-data li fiha tkun ġiet imposta r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet bħal dawn.

G. LIMITI TAŻ-ŻMIEN

(21) Fl-interess ta' amministrazzjoni soda, għandhom jiġu ddikjarati limiti taż-żmien li matulhom:

— partijiet interessati jistgħu jippreżentaw lilhom infushom lill-Kummissjoni, jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub u jissottomettu r-risposti għall-kwestjonarju jew kull informazzjoni oħra li għandha tittieħed inkonsiderazzjoni matul l-investigazzjoni,

— l-importaturi fl-Unjoni u l-esportaturi/produtturi jistgħu jitolbu eżenzjoni mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jew mill-miżuri,

— partijiet interessati jistgħu jagħmlu talba bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni.

(22) Tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżerċizzju ta' ħafna mid-drittijiet proċedurali stabbiliti fir-Regolament bażiku jiddependu mill-fatt li l-parti tippreżenta ruħha fil-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

---

[1] B'konformità mal-Artikolu 143 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.), il-persuni jitqiesu relatati biss jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozji ta' xulxin; (b) ikunu legalment rikonoxxuti bħala sħab fin-negozju; (c) ikunu impjegatur u impjegat; (d) kull persuna li direttament jew indirettament tippossjedi, tikkontrolla jew ikollha 5 % jew aktar tal-ishma jew ta' kwoti ta' ishma li jivvutaw jew tat-tnejn; (e) wieħed minnhom, direttament jew indirettament jikkontrolla lill-ieħor; (f) it-tnejn li huma huma direttament jew indirettament ikkontrollati minn terza persuna; (g) flimkien huma direttament jew indirettament jikkontrollaw terza persuna; jew (h) huma membri tal-istess familja. Persuni jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja fil-każ biss li jkollhom waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin bejniethom: (i) konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk tal-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nanniet u neputijiet, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenituri u ulied tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. F'dan il-kuntest "persuna" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika.

[2] Madankollu, anki jekk il-produtturi huma relatati skont kif imsemmi hawn fuq ma' kumpaniji soġġetti għall-miżuri stabbiliti fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (il-miżuri antidumping oriġinali), xorta waħda tista' tingħata eżenzjoni jekk ma jkunx hemm evidenza li r-relazzjoni mal-kumpaniji soġġetti għall-miżuri oriġinali kienet stabbilita jew użata biex ikun hemm evażjoni tal-miżuri oriġinali.

H. **NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI**

(23) F'każijiet li xi parti interessata tiċħad l-aċċess jew ma tagħtix l-informazzjoni meħtieġa fil-limiti taż-żmien, jew tfixkel l-investigazzjoni b'mod sinifikanti, jistgħu jintlaħqu konklużjonijiet, pożittivi jew negattivi, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, abbażi tal-fatti disponibbli.

(24) Fejn jinstab li xi parti interessata tkun ipprovdiet informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni ma tiġix meqjusa u jista' jsir użu mill-fatti disponibbli.

(25) Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment, u r-riżultati jkunu għalhekk ibbażati fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kkooperat.

(26) Nuqqas li tingħata risposta kompjuterizzata ma titqiesx li tikkostitwixxi nuqqas ta' kooperazzjoni, sakemm il-parti interessata turi li l-preżentazzjoni tar-risposta kif mitlub tirriżulta f'piż żejjed mhux raġonevoli jew spiża addizzjonali mhux raġonevoli. Il-parti interessata għandha tagħmel kuntatt mal-Kummissjoni immedjatament.

I. **ISKEDA TAL-INVESTIGAZZJONI**

(27) L-investigazzjoni tintemm, skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, fi żmien disa' xhur mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

J. **PROĊESSAR TAD-DEJTA PERSONALI**

(28) Huwa nnutat li kull dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi trattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

K. **UFFIĊJAL TAS-SEDUTA**

(29) Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. L-Uffiċjal tas-Seduta jirrevedi talbiet għall-aċċess tal-fajl, tilwim dwar il-kunfidenzjalità ta' dokumenti, talbiet għall-estensjoni tal-limiti taż-żmien u talbiet minn partijiet terzi għal smigħ. L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduta ta' smigħ ma' parti interessata individwali u jagħmilha ta' medjatur sabiex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jitħaddmu kompletament.

(30) It-talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika r-raġunijiet tat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta se jagħti wkoll opportunitajiet biex isir smigħ li jinvolvi l-partijiet u li jippermetti li jitressqu fehmiet differenti u argumenti kuntrarji.

(31) Għal aktar tagħrif u dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni tal-internet tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Tnediet investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, sabiex jiġi determinat jekk l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' wajer tal-molibdenu, li mill-inqas 99,95 % tal-piż tiegħu jikkonsisti f'molibdenu, b'daqs trażversali massimu li jaqbeż 4,0 mm imma ma jaqbiżx 11,0-il mm u li attwalment jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 8102 96 00 (il-kodiċi TARIC 8102 96 00 20) li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u jekk l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' wajer tal-molibdenu, li mill-inqas 97 % tal-piż tiegħu jew aktar iżda inqas minn 99.95 % jikkonsisti f'molibdenu, b'daqs trażversali massimu li jaqbeż 4,0 mm imma ma jaqbiżx 11,0-il mm u li attwalment jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 8102 96 00 (il-kodiċi TARIC 8102 96 00 40) li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, humiex qed jevitaw il-miżuri imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 511/2010.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

Artikolu 2

L-awtoritajiet Doganali, skont l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, se jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

Ir-reġistrazzjoni tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' regolament, titlob lill-awtoritajiet Doganali jwaqqfu r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti manifatturati minn esportaturi/produtturi li jkunu applikaw għal eżenzjoni mir-reġistrazzjoni u li jkun instab li jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex tingħata eżenzjoni.

Artikolu 3

1. Il-kwestjonarji jridu jintalbu mill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Biex ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom jiġu kkunsidrati waqt l-investigazzjoni, il-partijiet interessati jridu jippreżentaw ruħhom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jressqu t-tweġibiet għall-kwestjonarju jew kwalunkwe informazzjoni oħra fi żmien 37 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.

3. L-importaturi tal-Unjoni u l-esportaturi/produtturi li qed jitolbu eżenzjoni mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jew mill-miżuri, iridu iressqu talba sostnuta b'evidenza xierqa fl-istess limitu taż-żmien ta' 37 jum.

4. Il-partijiet interessati jistgħu wkoll japplikaw sabiex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess limitu taż-żmien ta' 37 jum.

5. L-informazzjoni sottomessa lill-Kummissjoni għall-fini tal-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ hija ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jissottomettu lill-Kummissjoni informazzjoni u/jew dejta li hija soġġetta għad-drittijiet tal-awtur ta' terzi persuni, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet li jippermetti b'mod espliċitu a) li l-Kummissjoni tuża l-informazzjoni u d-dejta għall-iskop ta' dan il-proċediment ta' difiża ta' kummerċ u b) tipprovdi l-informazzjoni u/jew id-dejta lill-partijiet interessati għal din l-investigazzjoni f'forma li tippermettilhom li jeżerċitaw id-dritt tad-difiża tagħhom.

6. Is-sottomissjonijiet kollha bil-miktub, inkluża l-informazzjoni mitluba f'dan ir-Regolament, il-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għalihom ikun intalab trattament kunfidenzjali jiġu mmarkati "Ristrett" ([1]).

7. Partijiet interessati li jagħtu tagħrif "Ristrett" huma mitluba jipprovdu taqsiriet mhux kunfidenzjali tiegħu skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, li jiġu mmarkati "Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati". Dawn it-taqsiriet għandhom ikunu dettaljati biżżejjed biex jippermettu fehim raġonevoli tas-sustanza tal-informazzjoni mressqa b'mod kunfidenzjali. Jekk parti interessata li tippreżenta informazzjoni kunfidenzjali ma tipprovdix taqsira mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u l-kwalità mitluba, din l-informazzjoni tista' tiġi injorata.

8. Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu s-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha permezz tal-posta elettronika inklużi dokumenti ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni skennjati, bl-eċċezzjoni ta' tweġibiet voluminużi li jiġu ppreżentati fuq CD-ROM jew DVD bl-idejn jew permezz ta' ittra rreġistrata. Meta jużaw il-posta elettronika, il-partijiet interessati jkunu qed jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għas-sottomissjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "CORRESPONDENCE WITH THE EUROPEAN COMMISSION IN TRADE DEFENCE CASES" (korrispondenza mal-Kummissjoni Ewropea f'każijiet relatati mad-difiża tal-kummerċ) ippubblikat fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc_148003.pdf. Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefon u indirizz tal-posta elettronika validu u jiżguraw li l-indirizz elettroniku pprovdut ikun indirizz elettroniku tax-xogħol uffiċjali li jiffunzjona u li jiġi kkonsultat kuljum. Ladarba d-dettalji ta' kuntatt ikunu stabbiliti, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz tal-posta elettronika biss, sakemm ma jkunx hemm talba speċifika li d-dokumenti kollha mill-Kummissjoni jintbagħtu b' mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li għandu jintbagħat ma jkunx jeħtieġ l-użu ta' posta rreġistrata. Għal aktar regoli u informazzjoni dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni inklużi l-prinċipji li japplikaw għas-sottomissjonijiet bil-posta elettronika, il-partijiet interessati għandhom jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

([1]) Dokument "*Ristrett*" huwa dokument meqjus kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim Antidumping). Huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission

Directorate General for Trade

Directorate H

Office: CHAR 04/039

1040 Brussels

BELGIUM

Posta Elettronika: TRADE-MOWI-R613-CIRCUMVENTION@ec.europa.eu

Artikolu 4

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Marzu 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER